



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Jannar 2021
(OR. en)

13913/1/20
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0367(NLE)

UK 113

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 832 final/2
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Enerġija Atomika Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għal dak il-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 832 final/2.

Mehmuż: COM(2020) 832 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2021
COM(2020) 832 final/2

2020/0367 (NLE)

COM(2020) 832 final of 10.12.2020 downgraded on 27.1.2021.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Enerġija Atomika Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għal dak il-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") dwar deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda dak il-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Il-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena jew fuq talba tal-Unjoni jew tar-Renju Unit u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqqhat u l-aġenda tiegħu b'kunsens reċiproku.

Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt huma stabbiliti fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ u jikkonsistu fil-parti l-kbira minn:

- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati li jirrapportaw lilu;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inklużi emendi għall-Ftehim fil-każijiet previsti fih;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jista' jinqala' fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

2.3. Id-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjoni li temenda l-Ftehim dwar il-ħruġ, skont l-Artikolu 164(5)(d) tal-Ftehim, biex jikkoreġi l-iżbalji, biex jindirizza omissjonijiet jew nuqqasijiet oħra, jew biex jindirizza sitwazzjonijiet mhux previsti meta għe ffirmat il-Ftehim dwar il-ħruġ, dment li l-modifiki ma jemendawx l-elementi essenzjali tal-Ftehim.

L-għan tad-deċiżjoni prevista huwa li tindirizza l-iżbalji li ma jemendawx l-elementi essenzjali tal-Ftehim dwar il-ħruġ.

Id-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti għall-Partijiet skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ. Skont ir-Regola Nru 9 tar-Regoli ta' Proċedura, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt għandhom jispeċifikaw id-data li fiha jidħlu fis-seħħ.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TIĠI ADOTTATA F'ISEM L-UNJONI

Korrezzjoni tal-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ġie stabbilit sabiex jindirizza ċ-ċirkostanzi uniċi fil-gżira tal-Irlanda fil-qafas tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet biex tiġi evitata fruntiera fiżika bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq u jipprevedi l-allinjament tal-Irlanda ta' Fuq ma' sett limitat ta' regoli li huma relatati mas-Suq Uniku tal-Unjoni għall-oġġetti. L-Anness 2 tal-Protokoll fih lista tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(4) tal-Protokoll, li japplikaw f'dan ir-rigward għall-Irlanda ta' Fuq. Żewġ atti li jobbligaw lill-manifatturi ta' vetturi ħfief ġodda biex gradwalment inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ ta' vetturi ġodda rreġistrati fl-Unjoni ġew elenkati wkoll f'dan l-Anness bi żball, minkejja li mhumiex relatati mat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti fl-Unjoni.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Id-deċiżjoni li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta tikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti fuq id-dritt tal-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-uniku objettiv u kontenut tal-att previst jirrigwarda, minn naħa waħda, l-emendar tal-Ftehim biex jiġu indirizzati ommissjonijiet u nuqqasijiet, filwaqt li ma jiġux emendati l-elementi essenzjali fih, u, min-naħa l-oħra, jiġi emendat il-Ftehim f'każ speċifikament previst minn dan tal-aħħar.

Il-konklużjoni tal-Ftehim kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, u skont il-prinċipju bażiku li att jista' jiġi emendat biss b'att tal-istess tip, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

Id-deċiżjoni dwar il-“Korrezzjonijiet” timplimenta l-Protokoll NI, li ġie konkluż abbażi tal-Artikolu 50. Peress li l-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq huwa ftehim kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-bażi ġuridika hija wkoll l-Artikolu 207 TFUE.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50 TUE u l-Artikolu 207 TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 50 TUE u l-Artikolu 207 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ se jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, ikun xieraq li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Enerġija Atomika Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għal dak il-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135¹ tat-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) L-Artikolu 164(5)(d) tal-Ftehim dwar il-ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt li jadotta deċiżjonijiet li jemendaw lil dak il-Ftehim, dment li tali emendi jkunu meħtieġa biex jikkoreġu żbalji, biex jindirizzaw l-ommissjonijiet jew nuqqasijiet oħrajn, jew biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li ma kinux previsti meta ġie ffirmat il-Ftehim, u dment li tali deċiżjonijiet ma jemendawx l-elementi essenzjali ta' dak il-Ftehim. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jimplimentaw it-tali deċiżjonijiet, li jeħtieġ li jkollhom l-istess effetti legali tal-Ftehim dwar il-ħruġ. F'konformità mal-Artikolu 182 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jifforma parti integrali minn dak il-Ftehim.
- (3) Bi żball, żewġ atti legali dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' karozzi u vannijiet ġodda rreġistrati fl-Unjoni ġew elenkati fil-punt 9 tal-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. Għall-kuntrarju ta' leġislazzjoni oħra elenkata fl-Anness 2 u magħmula applikabbli mill-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, dawn iż-żewġ Regolamenti mhumiex relatati mat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti fl-Unjoni. Għalhekk għandhom jitneħħew minn dak l-Anness.
- (4) Att legali wieħed dwar il-plastik li jintuża darba biss jirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' tali oġġetti u l-moviment liberu tal-oġġetti, għalkemm parzjalment biss. Huma biss dawk id-dispożizzjonijiet li huma essenzjali għall-applikazzjoni tar-regoli tas-suq

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1.

intern fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li għandhom jiġu inklużi fl-Anness 2 tal-Protokoll.

- (5) Jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jadotta deċizzjoni skont l-Artikolu 164(5)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ biex jindirizza dawn l-iżbalji.
- (6) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt li għandha tittieħed f'konformità mal-Artikolu 164(5)(d) tiegħu għandha tkun li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi emendat kif ġej:

Fl-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, iż-żewġ entrati li ġejjin taħt "9. Vetturi bil-mutur, inklużi tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija", wara l-entrata għar-"Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46", għandha titħassar:

- "Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief"²; kif ukoll
- "Ir-Regolament (KE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief"³.

Fl-Anness 2 tal-Protokoll, in-nota li ġejja għandha tiddaħħal taħt "25. Skart", wara l-entrata għad-"Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent":

"Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawk l-Artikoli u l-Partijiet għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, kwalunkwe referenza għat-"3 ta' Lulju 2021" fl-Artikoli 4(1), 14 u 17 (1) għandha tinqara bħala l-"1 ta' Jannar 2022". L-Artikoli 2, 3, 14 u 17, u l-Parti F tal-Anness, għandhom japplikaw biss sa fejn jirrigwardaw l-Artikoli 4 sa 7."

Fl-Anness 2 għall-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, għandhom jiżdiedu d-dispożizzjonijiet li ġejjin taħt "25. Skart":

- L-Artikoli 2 sa 7, 14 u 17 kif ukoll il-Partijiet A, B, C, D u F tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent⁴.

² ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.

³ ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1.

⁴ ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*